# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 367/21/2 AF**

**Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**

**v.**

**1. Carmelo sive Charles Caruana;**

**2. Rita Caruana;**

**3. L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Lorenza Vincenza sive Lora Zarb minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

(Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Jannar, 2023, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet tagħha marbuta ma' ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq dwar il-mod ta' kif il-Qorti Kostituzzjonali mxiet fil-proċeduri fil-kawża ***Rik. Nru. 31/2019 Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et***, wara li laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res iudicata*.

**Daħla**

2. Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb ressqet kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et*** (***Rik. Nru. 31/2019)*** fejn ilmentat li l-**Artikolu 12B tal-Ordinanza Li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar** jikser il-jedd tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà, kif imħares bl-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u bl-**Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**. Dan qalitu minħabba li bil-miġja ta' dik id-dispożizzjoni, sid il-kera ngħatalu l-jedd li jekk irid jippreżenta rikors quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera u jitlob li l-kera togħla sa ammont li ma jkunx iktar minn 2% fil-mija fis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tal-post mikri fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi ppreżentat ir-rikors. F'dan ir-rigward hija sostniet li din il-liġi, la tqis kemm hija nefqet flus fil-post mikri lilha u lanqas l-istennija leġittima tagħha li tibqa' fil-pussess tal-post mikri.

3. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Frar 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

ddeċidiet favur Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb u sabet li t-tħaddim tal-**Artikolu 12B tal-Ordinanza Li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar** tassew jikser il-jedd tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà, kif imħares bl-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u bl-**Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** u b'hekk ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallasha kumpens ta' €120,000, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sakemm isir il-ħlas kollu.

4. L-Avukat tal-Istat appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn talab għat-tħassir tagħha.

5. L-appell ġie trattat fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2021 u l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-30 ta' Ġunju, 2021. Ġara iżda, li b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2021, il-Qorti Kostituzzjonali ssospendiet l-għoti tas-sentenza u ordnat li għas-seduta tal-31 ta' Mejju, 2021 jattendi l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar jew il-Kap tat-Taqsima tas-Sussidji Dwar Kirjiet ta' qabel l-1995 sabiex jixhed dwar l-iskemi ta' sussidji li toffri l-imsemmija Awtorità.

6. Fil-25 ta' Mejju, 2021, Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb ressqet rikors biex il-Qorti Kostituzzjonali tħassar *contrario imperio* dan id-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2021. Dan ir-rikors iżda ġie miċħud mill-Qorti Kostituzzjonali b'digriet mogħti fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2021 għar-raġunijiet li ġew espressi hekk:

> *«Il-Qorti wara li ħadet konjizzjoni tar-rikors, tar-risposta tal-Avukat tal-Istat, u tat-trattazzjoni li saret illum mill-partijiet kollha, tqis illi l-Qorti*

> *Kostituzzjonali bħal kull Qorti oħra għandha setgħa titlob kjarifiki jew informazzjoni li jistgħu jwassluha biex tagħmel ġustizzja, dejjem skont il-liġi mal-partijiet. U billi tali setgħa mhijiex limitata minn ebda provvediment tal-liġi, il-Qorti qed tiċħad it-talba.»*

7. Safrattant, fis-27 ta' Mejju, 2021, Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb ressqet ukoll din il-kawża kostituzzjonali, fl-ismijiet ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et*** (***Rik. Nru. 367/2021)***, li minnha sar l-appell tal-lum, fejn ilmentat li bid-digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Mejju, 2021 ġie mkasbar lilha l-jedd ta' smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali għaliex din ma messhiex ħadet post l-avukati tal-partijiet u ordnat li tħarrek xhud minn jeddha. Għalhekk hija talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi r-rikorrenti, għar-raġunijiet fuq espressi, sofriet u/jew qed issofri u/jew ser issofri leżjoni tad-dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali - u kif ukoll jeddijiet naxxenti minn u protetti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*
>
> *2. Tagħti u tordna dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.»*

8. Il-konvenuti Carmelo Caruana u Rita Agius ressqu t-tweġiba tagħhom fit-3 ta' Ġunju, 2021 u fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom huma qalu hekk:

> *«1. Id-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kif diġà ddegretat il-Qorti Kostituzzjonali fid-digriet tagħha tal-31 ta' Mejju 2021 fil-kawża rikors nru. 31/2019/ 1 - ZARB LORENZA VINCENZA SIVE LORA vs CARMELO SIVE CHARLES ET, "Il-Qorti Kostituzzjonali bħal kull Qorti oħra għandha setgħa titlob kjarifiki jew*

> *informazzjoni li jistgħu jwassluha biex tagħmel ġustizzja, dejjem skont il-liġi mal-partijiet. U billi tali setgħa mhijiex limitata minn ebda provvediment tal-liġi, il-Qorti qed tiċħad it-talba." Liema digriet huwa hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".»*

9. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2021 (ara paġna 46 tal-atti tal-kawża), l-avukat Edward Debono għall-konvenuti Carmelo Caruana u Rita Agius iddikjara li din l-ewwel eċċezzjoni fuq riprodotta kellha tiġi meqjusa bħala eċċezzjoni ta' *res iudicata.* Ta' min jgħid hawnhekk, li waqt li kienu għaddejjin dawn il-proċeduri, il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju, 2021 tat is-sentenza finali tagħha fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et*** (***Rik. Nru. 31/2019)*** u ddeċidiet li tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn kien instab li l-**Artikolu 12B tal-Ordinanza Li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar** jikser il-jedd ta' Lorenza Vincenza Zarb taħt l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u bl-**Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**. Minflok, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li ma seħħ l-ebda ksur u b'hekk ċaħdet it-talbiet ta' Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb .

10. L-avukata Fiorella Fenech Vella għall-konvenut Avukat tal-Istat iddikjarat fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2022 (ara paġna 50 tal-atti tal-kawża), li hija kienet qiegħda tqajjem ukoll l-eċċezzjoni tar-*res iudicata*.

11. Dakinhar tas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2022 sar verbal li l-kawża kellha titħalla għas-sentenza biex tiġi deċiża biss din l-eċċezzjoni tar-*res*

*iudicata*.

12. B'sentenza mogħtija fit-**<u>23 ta' Jannar, 2023</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), laqgħet din l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* u għalhekk għaddiet biex ċaħdet it-talbiet ta' Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb. Ir-raġunijiet għaliex ġiet milqugħa din l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* ġew imfissra hekk:

> *«Ikkunsidrat illi l-azzjoni odjerna tittratta talba dwar allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attriċi. Essenzjalment l-attriċi tilmenta mill-fatt illi bid-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2021 il-Qorti Kostituzzjonali issostitwiet ruħha għall-partijiet fil-kawża meta di marte propria ordnat il-produzzjoni ta' xhud in rappreżentanza tal-Awtorità tad-Djar u ordnat lilu jwieġeb lista ta' mistoqsijiet ilkoll marbuta mal-kwistjoni tas-sussidji li joffri l-Gvern lill-inkwilini ta' kirjiet risalenti għal qabel is-sena 1995. L-attriċi tgħid illi b'tali digriet il-Qorti Kostituzzjonali spiċċat tagħmel xogħol il-partijiet billi ordnat li titressaq prova li l-partijiet naqsu pależement milli jressqu fl-istadju opportun.*
>
> *...*
>
> *L-ilment tal-attriċi huwa marbut mad-digriet tal-14 ta' Mejju, 2021 tal-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' liema ordnat li jersaq sabiex jixhed rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar. Traċċjati l-motivazzjonijiet li wasslu lill-Qorti Kostituzzjonali sabiex tagħti dik l-ordni kif tirriżulta mid-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju 2021, il-Qorti tifhem li b'dik l-ordni l-Qorti Kostituzzjonali fittxet li tikseb l-informazzjoni kollha relevanti qabel tagħti ġudizzju definittiv. Żgur illi l-motivazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kienet unikament dik illi tevalwa l-posizzjonijiet tal-partijiet kollha f'dik il-kawża u li tara li d-deċiżjoni tagħha tkun ġusta u ekwa mingħajr ma jinħoloq sproporzjon jew preġudizzju serju għal parti jew għal oħra.*
>
> *L-attriċi tilmenta illi ħadd mill-partijiet ma kien ressaq sabiex jixhed rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar. Waqt li dan huwa minnu, il-Qorti tosserva li fil-kors tal-proċeduri l-Gvern nieda skemi ġodda fosthom l-iskema tas-sussidju għall-inkwilini li għandhom dħul baxx. Din l-iskema daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 bl-intenzjoni li finalment jinħoloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien li għal snin twal ħafna sofrew preġudizzju billi pperċepew kera baxxa ħafna, u dawk l-interessi tal-inkwilini li la għandhom akkomodazzjoni alternattiva u lanqas ma għandhom il-mezzi sabiex iħallsu awment sostanzjali fil-quantum tal-*

*kera. Il-Qorti tqis illi l-informazzjoni li talbet sabiex tikseb il-Qorti Kostituzzjonali altru milli tippreġudika d-drittijiet tal-attriċi. Semmai, din il-prova aġevolat lill-attriċi billi qabel tat id-deċiżjoni finali tagħha l-Qorti Kostituzzjonali assigurat ruħha li l-awment fil-kera mhuwiex ser joħloq piż finanzjarju akbar fuq l-attriċi.*

*Minn dik il-prova rriżulta wkoll illi l-attriċi baqgħet m'applikatx għas-sussidju. Dan in-nuqqas żgur li m'għandux jiffavorixxi lill-attriċi.*

*Din il-Qorti tirribadixxi li kawża ta' indole kostituzzjonali hija mmirata sabiex tħares id-drittijiet fundamentali biss fl-eżekuzzjoni ta' tali eżerċizzju, u tenut in konsiderazzjoni l-fatt li llum hemm fis-seħħ mekkaniżmu li l-attriċi tista' tisfrutta, il-Qrati huma fl-obbligu legali u morali li jassiguraw ruħhom li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' parti ma jintużawx bi pretest sabiex wieħed jipprofitta indebitament u inġustament jew sabiex jintefa piż illeċitu fuq l-erarju pubbliku.*

*Fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet, apparti l-fatt li l-Qorti mhix tara kif id-digriet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Mejju 2021 seta' lleda d-drittijiet fundamentali tal-attriċi, tqis ukoll illi ddeċiżjoni finali li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju 2021 tikkostitwixxi res judicata bejn il-partijiet billi fis-sentenza tagħha l-Qorti Kostituzzjonali indirettament trattat l-ilment tar-rikorrenti rigwardanti d-digriet tal-14 ta' Mejju 2021 u saħansitra amplifikat aktar il-motivazzjonijiet li wassluha toħroġ dik l-ordni kif riflessa fl-imsemmi digriet.*

*Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni ta' res judicata mressqa mill-konvenuti kollha u tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti.*

*L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-attriċi.»*

13. Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb appellat minn din is-sentenza, b'rikors imressaq fid-**<u>9 ta' Frar, 2023</u>** u talbet għat-tħassir tagħha.

14. Carmelo Caruana u Rita Agius wieġbu għal dan l-appell fis-**<u>27 ta' Frar, 2023</u>**, u taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. L-Avukat tal-Istat daħħal risposta tal-appell fil-**<u>21 ta' Ġunju, 2023</u>** iżda din ir-risposta tiegħu ma tiswiex għaliex ma tressqitx fiż-żmien tmint ijiem tax-xogħol imsemmi fir-**regola 4(2) tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-**

**Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)**.

15. Inżamm smigħ fit-22 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Bħala kumment tal-bidu, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-mod xejn eżemplari ta' kif inkiteb dan l-appell. Il-Qorti jkollha tistqarr li sabitha diffiċli ferm tifli l-argumenti fl-appell bil-mod ta' kif dawn ġew esposti.

17. Rikors ta' appell ma jiddependix fuq kemm wieħed jiflaħ jikteb paġni fir-rikors jew fuq kemm wieħed għandu l-ħila jsemmi sentenzi, awturi u frażijiet bil-Latin. Tassew appell mhuwiex konkors ta' kemm wieħed jaf b'awturi u b'ġurisprudenza dwar temi legali partikolari.

18. Mod ieħor, appell jiddependi fuq kemm wieħed ikun kapaċi jesponi l-aggravji tiegħu b'mod ħafif, mexxej u li jinftiehem dwar ir-raġuni għalfejn is-sentenza appellata għandha tiġi mibdula. Tul żejjed u riferenzi voluminużi għall-kotba u għall-ġurisprudenza mingħajr rabta loġika mal-kwistjoni involuta fl-appell ma jgħinux wisq biex Qorti tkun tista' tifhem il-kontenut tal-aggravju. Anzi dan kollu jagħmilha aktar iebes għall-Qorti

biex iżżomm il-konċentrazzjoni u l-attenzjoni meħtieġa fl-għarbiel tagħha tal-appell.

19. Sewwasew f'dan il-każ, l-appellanta Zarb ma kellhiex bżonn tippreżenta rikors tal-appell ta' 94 paġna sabiex tikkontesta sentenza dwar l-eċċezzjoni tar-*res iudicata*. Kien jaħbat ħafna aħjar li kieku l-appellanta ressqet appell ċar u konċiż u mhux appell miktub b'mod konfużjonarju, b'tipi kultant grassi u kultant korsivi, bla sekwenza u miżgħud b'ħafna riferenzi għal kotba, awturi, prinċipji u sentenzi barranin li ftit li xejn jagħmlu sens fil-kuntest ta' dak li trid tiddeċiedi l-Qorti.

20. Fuq kollox, din il-Qorti ma tistax tifhem għaliex l-appellanta ressqet erba' aggravji fuq firxa ta' 61 paġna dwar il-kunċetti tal-aspettattiva leġittima, tal-*ultra vires*, tas-sistema legali avversarja u tas-sistema inkwiżitorjali li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-eċċezzjoni tar-*res iudicata*, li ġiet deċiża fis-sentenza appellata. Dawn l-erba' aggravji servew biss biex ħlew ħin il-Qorti, li b'sogħba jkollha tgħid li kellha toqgħod taqrahom u tipprova taqbad irkaptu tagħhom.

21. Billi dawn l-erba' aggravji huma għalkollox irrilevanti fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-ġudikat deċiża fis-sentenza appellata, din il-Qorti sejra tastjeni milli tqishom u tiddeċidihom.

22. Din il-Qorti għalhekk sejra minnufih tgħaddi biex tqis il-**ħames aggravju** tal-appellanta Zarb fejn fih hija qiegħda tgħid li l-Ewwel Qorti ma messhiex laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res iudicata.*

23. Imwarrba l-bosta riferenzi bla bżonn li saru għat-teżi ta' studenta tal-liġi, għas-sentenzi ta' qrati barranin u għall-awturi, l-aggravju tal-appellanti huwa wieħed pjuttost sempliċi, jiġifieri, li l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* ma setgħet tintlaqa' qatt mill-Ewwel Qorti, peress li ma kien hemm l-ebda sentenza preċedenti li stħarrġet l-ilment tagħha marbut mal-ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq dwar il-mod ta' kif il-Qorti Kostituzzjonali mxiet fil-proċeduri fil-kawża ***Rik. Nru. 31/2019 Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et***, meta tat id-digriet fl-14 ta' Mejju, 2021.

24. Illi din il-Qorti tirrileva li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-**Artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk din tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija (ara ***Conris Pace Rivans et v. Franco Rivans et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April, 2014). Jekk dan ma jsirx, dan in-nuqqas iġib in-nullità tas-sentenza stess (ara ***Paolo Azzopardi v. Paolo Abela noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru, 1954, ***Raphael Micallef v. Anthony Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 1997, ***Care Services***

***Limited v. Mario Muscat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Novembru, 2009 u ***Mario Tonna v. Edwin Camilleri nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Diċembru, 2009.

25. L-għan wara l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija li tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew imfissra f'sentenza (ara ***Dottor Josè Herrera noe v. Anthony Cassar noe et*** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1992) biex b'hekk titbiegħed il-possibbilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u ttemm il-possibbiltà ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat (ara ***Caterina Gerada et v. Avukat Antonio Caruana*** deċiża fit-28 ta' Ġunju, 1973).

26. Fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, din tiġi kkonfermata. Wara kollox, mhux sew li xi ħadd jipproponi l-istess kawża biex imewwet deċiżjoni preċedenti billi jġib 'il quddiem raġunijiet jew provi li kien jaf bihom, jew li seta' u messu ġab fil-kors tal-proċess l-ieħor (ara ***Joseph Portelli v. Joseph Stellini et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015).

27. Ġudikat jagħmel stat għal kull effett tal-liġi bejn il-partijiet, il-werrieta u l-*aventi causa* tagħhom. Kemm hu hekk, meta tingħata sentenza, is-saħħa tagħha tgħodd u tibqa' torbot ukoll għaż-żmien ta' wara li tkun

ingħatat (ara ***Ines Calleja et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Ġunju, 2014 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2015).

28. Huwa magħruf li biex tista' tiġi aċċettata eċċezzjoni tal-ġudikat hemm bżonn li jintwerew tliet affarijiet, *viz*. li l-ewwel u t-tieni kawża jkunu: (i) bejn l-istess persuni (*eadem personae*); (ii) fuq l-istess oġġett (*eadem res*); u (iii) dwar l-istess raġunijiet jew tilwima (*eadem causa petendi*) (ara ***Anna Magro et v. Emanuela Psaila nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002 u ***Alfred Lanzon et v. Charles Zammit Cordina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 2009).

29. B'żieda ma' hawn, wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll, li l-ġudikat irid joħroġ mid-dispożittiv tas-sentenza. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm sentenza definittiva tal-Qorti fuq il-materja, din tibqa' meqjusa bħala mhux deċiża (ara ***Mario Galea et v. Tacsum Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Marzu, 2005). Tassew, fin-nuqqas ta' deċiżjoni li għandha l-effetti legali ta' sentenza definittiva, l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* ma tistax tintlaqa' (ara ***Julian Borg et v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2017).

30. Imħaddem dan kollu għall-każ inkwistjoni, din il-Qorti temmen li l-appellanta Zarb għandha raġun meta tgħid li l-ilment kostituzzjonali

tagħha dwar il-mod ta' kif il-Qorti Kostituzzjonali tat id-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2021 fil-kawża ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et (Rik. Nru. 31/2019)*** għadu ma ġiex mistħarreġ permezz ta' sentenza definittiva.

31. Huwa minnu li fl-istess kawża bin-numru 31/2019, il-Qorti Kostituzzjonali tat digriet fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2021, fejn fih hija qalet li m'hemm xejn ħażin bil-mod ta' kif hija tat id-digriet tal-14 ta' Mejju, 2021, imma dan id-digriet tal-31 ta' Mejju, 2021 żgur li ma jistax jitqies bħala xi sentenza definittiva li għalaq definittivament il-kwistjoni ta' jekk id-digriet tal-14 ta' Mejju, 2021 ingħatax bi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq skont l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

32. Wara kollox teżisti ġurisprudenza lokali li tgħid li huwa possibbli li wieħed iressaq azzjoni kostituzzjonali biex jiġi determinat u mistħarreġ jekk l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali kienx konformi mal-ħtiġijiet tal-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** (ara ***Lawrence Cuschieri v. Onor. Prim Ministru et*** u ***Carmel Bonello et v. Joseph Mary Vella et***, it-tnejn deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum tas-6 ta' April, 1995).

33. Bħalma sewwa ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Perit***

***Joseph Mallia v. Onor. Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu, 1996:

> *«Mhux allura bl-anomalija li Qorti ta' grad inferjuri tinvestiga l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali - bħala Qorti tal-ewwel istanza - u dana taħt id-dell tqil ta' akkuża li vvjolat id-drittijiet fondamentali taċ-ċittadin li hi fid-dover tagħha li tħares. Dana jingħad naturalment bla ma jitnaqqas xejn mill-valur tal-prinċipju li kulħadd hu soġġett għall-istess liġi u li anke l-Qorti jew komponenti tagħha jistgħu jkunu msejħa jirrispondu għall-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali.»*

34. Ifisser għalhekk li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali għandha s-setgħa li tistħarreġ ilment dwar jekk il-Qorti Kostituzzjonali mxietx f'kawża bi ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq.

35. Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti temmen li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx sew meta qalet li għall-azzjoni tal-appellanta Zarb hemm ix-xkiel tal-ġudikat. Fil-verità hija u tqis din l-eċċezzjoni l-Ewwel Qorti aktar messet mal-mertu tal-ilment ta' ksur tas-smigħ xieraq imressaq mill-appellanti Zarb milli qieset jekk f'dan il-każ kinux jeżistu l-elementi li jissodisfaw l-eċċezzjoni tal-ġudikat.

36. Kif ingħad aktar 'il fuq, parti għandha dritt li tiftaħ kawża kostituzzjonali biex tikkontesta l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali. Dan għaliex il-liġi qiegħda hemm għal kulħadd, inkluż għall-Qorti Kostituzzjonali, li hija marbuta bil-liġi li tosserva l-prinċipji li jsawru l-kunċett tas-smigħ xieraq. Żgur għalhekk li d-digriet tal-Qorti Kostituzzjonali mogħti fil-31 ta' Mejju, 2021, li permezz tiegħu ġiet

miċħuda talba tal-appellanti Zarb għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet preċedenti tal-14 ta' Mejju, 2021, ma jistax jitqies bħala xi ġudikat finali li joħnoq il-jedd tal-appellanta Zarb biex tissokta b'din il-kawża tal-lum. Dan aktar u aktar, meta wieħed iqis li l-appellanta Zarb qiegħda tallega li l-kompożizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li tat id-digriet tal-31 ta' Mejju, 2021 dwar ir-revoka *contrario imperio* kienet l-istess kompożizzjoni, li skontha, kasbrilha l-jedd tas-smigħ xieraq bid-digriet tal-14 ta' Mejju, 2021.

37. Tħares minn fejn tħares għalhekk l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* ma kellhiex tiġi milqugħa mill-Ewwel Qorti u dan il-ħames aggravju tal-appellanta Zarb qiegħed jintlaqa' ladarba ma kienx hemm sentenza finali preċedenti li daħlet fuq il-kwistjoni dwar jekk l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali fl-għoti tad-digriet tal-14 ta' Mejju, 2021 fil-kawża ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et*** (***Rik. Nru. 31/2019)***, kienx bi ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq tal-appellanta Zarb.

38. Peress li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet mitluba li tiddeċiedi biss l-eċċezzjoni tal-ġudikat u din l-eċċezzjoni nstabet li ma kinitx waħda fejjieda, l-atti neċessarjament iridu jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex teżamina l-mertu tal-ilmenti ta' Lorenza Vincenza *sive* Lora Zarb fid-dawl tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti li għadhom ma ġewx deċiżi. B'mod partikolari l-Ewwel Qorti jeħtiġilha teżamina jekk fil-kuntest

sħiħ tal-proċeduri ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et (Rik. Nru. 31/2019***), l-appellanta Zarb tabilħaqq ġarrbitx ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq tagħha minħabba d-digriet li tat il-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Mejju, 2021.

39. Jifdal biss is-**sitt aggravju** tal-appellanta Zarb dwar il-kap tal-ispejjeż. L-appellanta targumenta li l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti appellati.

40. Din il-Qorti taqbel mal-appellanta Zarb li l-ispejjeż tal-ewwel istanza, li għandhom x'jaqsmu mal-eċċezzjoni tal-ġudikat, għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati flimkien bejniethom, ladarba nstab li din l-eċċezzjoni ma kinitx tajba u ladarba l-konvenuti kollha nsistew fuqha, magħdud magħhom l-Avukat tal-Istat permezz tal-verbal tas-17 ta' Ottubru, 2022.

41. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanta Zarb li l-ispejjeż dwar l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti appellati. Għad li din il-Qorti waslet għall-fehma li l-appellanta Zarb għandha raġun li l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma kinitx mistħoqqa, madankollu billi l-appellanta Zarb ressqet erba' aggravji fil-vojt li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-eċċezzjoni tal-ġudikat u billi wkoll il-preżentazzjoni tar-rikors tal-appell tagħha huwa xempju ta' kif appell m'għandux jinkiteb, tant li tellef

ħafna ħin lil din il-Qorti biex tipprova tifhem x'fih, huwa xieraq li bit-tħaddim tal-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi: (i) tastjeni milli tqis l-ewwel erba' aggravji tal-appellanti Zarb billi mhumiex marbuta mal-eċċezzjoni tal-ġudikat deċiża fis-sentenza appellata; u (ii) tilqa' l-ħames aggravju tal-appellanta Zarb u b'hekk tħassar is-sentenza appellata u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tar-*res iudicata* mqajma mill-konvenuti Carmelo *sive* Charles Caruana fir-risposta tagħhom, liema eċċezzjoni ġiet imħaddna mill-konvenut Avukat tal-Istat skont verbal tas-17 ta' Ottubru, 2022.

Dwar l-ispejjeż tal-kawża b'rabta mal-eċċezzjoni tal-ġudikat, il-Qorti tordna li dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati flimkien bejniethom, filwaqt li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha sa fejn għandu x'jaqsam ma' dawn il-proċeduri tal-appell.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna li l-atti għandhom jinbagħtu lura lill-Ewwel Qorti, impoġġija minn Imħallef li ma tkellimx fuq il-mertu tal-ilment

kostituzzjonali, sabiex jitkompla s-smigħ fuq it-talbiet attriċi u fuq l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da